## QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Giorgio Spiteri**

Kaz Numru: 115/2015

Illum 19 ta' Novembru 2015

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Giorgio Spiteri**, ta' bin Salvatore u Giuseppa nee' Spiteri, imwieled fit-13 ta' Marzu 1934, residenti fil-fond Mount Carmel, Triq l-Avukat Anton Calleja, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 23134(G), akkuzat nhar talli nhar it-3 ta' Frar 2015 ghall-habta ta' 07:40hrs waqt li kien qed issuq vettura tal-ghamla Isuzu KB bin-numru tar-registrazzjoni JBA 565 fi Triq Santa Katerina tal-Qabbieza limiti ta' Kercem, Ghawdex:

1. B'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lil Salvina k/a Sylvia Grech u involontarjament ikkagunalha griehi ta' natura gravi skont kif iccertifika t-Tabib Dr. Michael Portelli MD (2492) tal-Isptar Generali ta' Ghawdex;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija l-imputat jigi sospiz milli jsuq ghall-perijodu ta' zmien li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

**Decide**

Il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment il-Qorti tordna wkoll l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien tliet (3) xhur li jibdew jiddekorru minn nofsillejl u minuta ta' ghada (00:01a.m.).

____________________________

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**